

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1104****tas-6 ta' Ġunju 2023****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1238/95 fir-rigward tal-piżijiet pagabbli lill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti,

Billi:

- (1) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1238/95 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-livell tal-piż pagabbli lill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti ("l-Uffiċċju"), għal kull sena tad-durata ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità kif previst fl-Artikolu 113(2), il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 2100/94.
- (2) Sabiex jiġi rifless il-potenzjal għall-inflazzjoni fil-linji baġitarji kollha u biex tkompli tiżdied ir-riżerva libera għall-livell minimu biex jiġi żgurat l-operat tal-uffiċċju, il-piż annwali mħallas minn detentur ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità jenħtieġ li jiżdied għal EUR 380.
- (3) Il-kumplessità tal-kawżi tal-appell qed tiżdied u l-piż attwali ta' appell stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1238/95 ma jkoprix il-kostijiet reali. Għalhekk, dan il-piż ta' appell jenħtieġ li jiżdied għal EUR 2 100.
- (4) L-esperjenza wriet li hemm bżonn li jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi li jikkonċernaw id-dikjarazzjoni tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità null u bla effett, kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, u l-piż amministrattiv li jikkonċerna oġġezzjoni bil-miktub għall-għoti ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 59 ta' dak ir-Regolament.
- (5) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1238/95 jistabbilixxi l-livell tal-piżijiet għall-organizzazzjoni u t-tweqqif tal-eżami tekniku ta' varjetà li hija s-suġġett ta' applikazzjoni għal dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, li jridu jitħallsu lill-Uffiċċju.
- (6) Abbażi ta' s'ħarriġ dwar il-kostijiet tal-Uffiċċji tal-Eżami mwettqa mill-Uffiċċju, il-piżijiet imposti mill-Uffiċċju jenħtieġ li jiġu aġġornati, filwaqt li titqies ir-rata tal-inflazzjoni. Iż-żrieragħ tal-lift jenħtieġ li jiġu inklużi fil-grupp ta' speċijiet agrikoli oħrajn u l-frawli fil-grupp ta' speċijiet oħra tal-frott peress li l-livell tal-piżijiet f'dawk il-gruppi huwa aktar xieraq għal dawk l-ispeċijiet. Għaldaqstant, il-piżijiet stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1238/95 jenħtieġ li jiġu modifikati għall-gruppi ta' kostijiet kollha kkonċernati.
- (7) Skont l-Artikolu 83 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 l-Uffiċċju għandu jitlob piżijiet għall-atti uffiċjali tiegħu previsti fir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-piżijiet għad-dikjarazzjoni tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità null u bla effett u għal oġġezzjoni bil-miktub għall-għoti ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità sabiex jiġu koperti l-kostijiet ta' dawn l-attivitajiet miżjudi.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1238/95 jiġi emendat skont dan.
- (9) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Lulju 2023 sabiex jippermetti biżżejjed żmien għall-Uffiċċju u għall-partijiet ikkonċernati biex jadattaw għal dawk l-emendi.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar id-Drittijiet ta' Varjetajiet ta' Pjanti fil-Komunità,

<sup>(1)</sup> ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1238/95 tal-31 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi r-regoli tal-implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-piżijiet pagabbli lill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (ĠU L 121, 1.6.1995, p. 31).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1238/95 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Uffiċċju għandu jitlob piż ta' EUR 380 lid-detentur ta' dritt fuq varjetà ta' pjanta fil-Komunità ('id-detentur') għal kull sena tad-durata ta' dritt fuq varjetà ta' pjanta fil-Komunità ('tariffa annwali'), kif imsemmi fl-Artikolu 113(2), il-punt (d) tar-Regolament Bażiku.”;

(2) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-appellant għandu jħallas piż ta' Appell ta' EUR 2 100 għall-proċessar ta' Appell, kif previst fl-Artikolu 113(2), il-punt (c) tar-Regolament Bażiku.”;

(3) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-President tal-Uffiċċju għandu jstabbilixxi l-piżijiet għall-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) il-piż amministrattiv imsemmi fl-Artikolu 8(5);

(b) il-piżijiet għall-ħruġ ta' kopji ċċertifikati ta' dokumenti;

(c) il-piż amministrattiv imsemmi fl-Artikolu 82(2) tar-Regolament dwar il-Proċedimenti;

(d) il-piż amministrattiv li jikkonċerna d-dikjarazzjoni ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità null u bla effett, kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament Bażiku;

(e) il-piż amministrattiv li jikkonċerna oġġezzjoni bil-miktub għall-għoti ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 59 tar-Regolament Bażiku.”

(4) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-President tal-Uffiċċju jista' jiddeċiedi li jagħmel is-servizzi imsemmija fil-paragrafu 1(a) sa (e) dipendenti fuq pagament antiċipat.”

(5) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

## "ANNEX I

**Il-piżijiet relatati mal-eżami tekniku kif imsemmi fl-Artikolu 8**

Il-piż li jrid jitħallas għall-eżami tekniku ta' varjetà għandu jiġi ddeterminat f'konformità mat-tabella:

		(bl-EUR)
Grupp tal-kostijiet		Piż
<b>Grupp agrikolu</b>		
1	Patata	2 580
2	Ħaxix	3 650
3	Speċijiet agrikoli oħrajn	1 980
<b>Grupp tal-frott</b>		
4	Tuffieħ	4 130
5	Speċijiet ta' frott oħrajn	4 130
<b>Grupp ornamental</b>		
6	Pjanti ornamental b'kollezzjoni ta' referenza ħajja, test fis-serra	2 390
7	Pjanti ornamental b'kollezzjoni ta' referenza ħajja, test fil-beraħ	3 070
8	Pjanti ornamental mingħajr kollezzjoni ta' referenza ħajja, test fis-serra	2 760
9	Pjanti ornamental mingħajr kollezzjoni ta' referenza ħajja, test fil-beraħ	2 890
10	Pjanti ornamental, kundizzjonijiet fitosanitarji speċjali	3 550
<b>Grupp tal-ħxejjex agrikoli</b>		
11	Ħxejjex agrikoli, test fis-serra	3 570
12	Ħxejjex agrikoli, test fil-beraħ	3 280".